**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Jannar 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 18/2021BS**

**Nicholas Sciberras u Carmela Sciberras,**
**li ġiet kjamata fil-kawża**
**b'digriet datat 26 ta' Mejju 2021**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Nicholas Sciberras illi ppremetta:**

1. Illi l-esponenti twieled f'Ta' Sannat, Għawdex fl-għaxra (10) ta' Frar tas-sena elf disa' mija tmienja u erbgħin (1948) kif jidher mill-estratt tal-att tat-twelid tiegħu li jġib in-numru tliet mija u tletin tas-sena elf disa' mija tmienja u erbgħin (330/1948) immarkat bħala Dok. A;

2. Illi fl-att tat-twelid tal-esponenti, ġie miktub li l-ġenituri tiegħu jisimhom Lawrence Xiberras u Mary Xiberras nee' Galea;

3. Illi l-esponenti żżewweġ lil Carmela Micallef fir-Rabat, Għawdex fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin

(1977) kif jidher mill-estratt tal-att taż-żwieġ tagħhom li jġib in-numru mija u tnejn u għoxrin tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (122/1977) immarkat bħala Dok. B. F'dan l-att, ġie miktub li l-esponenti kunjomu Xiberras;

4. Illi l-esponenti u martu kellhom żewġt itfal li jisimhom Lorna u George. Fuq l-att tat-twelid tagħhom bin-numri mija tnejn u disgħin tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (192/1978) u sebgħin tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (70/1982) rispettivament, il-kunjom tal-esponenti u ta' martu ġie indikat bħala Sciberras mhux Xiberras, liema atti qed jiġu mmarkati bħala Dok. C u Dok. D;

5. Illi l-esponenti minn dejjem kien jagħmel użu mill-kunjom Sciberras u tant huwa hekk li kunjom fuq il-karta tal-identità tiegħu (kopja mmarakta bħala Dok. E); fuq il-Liċenzja tas-Sewqan tiegħu (kopja mmarakta bħala Dok. F); u fuq il-KartAnzjan tiegħu (kopja mmarakta bħala Dok. G) huwa dejjem miktub Sciberras. L-istess huwa rifless fiċ-ċertifikati tat-twelid ta' wliedu, hekk kif riżultanti mid-dokumenti C u D;

6. Illi għalhekk jissussistu raġunijiet validi kif kontemplati fl-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tintalab korrezzjoni fl-att tat-twelid numru tlett mija u tletin tas-sena elf disa' mija tmienja u erbgħin (330/1948) u fl-att ta' żwieġ numru mija u tnejn u għoxrin tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (122/1977) b'tali mod li kunjomu jiġi dejjem indikat bħala 'Sciberras';

7. Illi għalhekk l-esponenti kellu jipproċedi b'din il-kawża;

8. Illi dawn il-fatti qed jiġu dikjarati minn Nicholas Sciberras li għandu konoxxenza proprja tagħhom.

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi jagħmel riferenza għal dak kollu fuq premess jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara l-att tat-twelid numru tliet mija u tletin tas-sena elf disa' mija tmienja u erbgħin (330/1948) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat;

ii. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) sabiex iwettaq il-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru tlett mija u tletin tas-sena elf

disa' mija tmienja u erbgħin (330/1948) b'mod illi flok "Xiberras" jiġi miktub "Sciberras";

iii. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) sabiex din il korrezzjoni, ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, tiġi riflessa wkoll f'kull Att tal-istat ċivili tiegħu, b'mod partikolari fl-att ta' żwieġ numru mija u tnejn u għoxrin tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (122/1977), b'dan illi l-esponenti għandu dejjem jiġi indikat bil-kunjom ta' "Sciberras" u dan ai termini tal-Artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan taħt dawk il-provvediment kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi eċċepixxa:**

1. Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikażżjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi in vista tal-fatt illi hemm il-possibilità illi din il-kawża tirriżulta femendi fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti, bin-numru ta' skrizzjoni 122/1977, l-esponent jeċċepixxi li huwa indispensabbli għall-benefiċċju tal-integrità tal-ġudizzju, li tiġi kjamata fil-kawża mart ir-rikorrenti ai termini tal-**Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla preġudizzju, jidher illi t-talbiet tar-rikorrenti kif inhuma msejsin fir-rikors in risposta huma kontraditorji stante illi r-rikorrenti qiegħed jitlob diversi korrezzjonijiet abbażi tal-**Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u fl-istess ħin qiegħed jiddikjara f'punt ħamsa tar-rikors tiegħu illi "*minn dejjem kien jagħmel uzu mill kumjom Sciberras u tani huwa hekk li kunjom fuq il-karta tal-identità tiegħu, fuq il-Liċenzja tas-Sewqan tiegħu, u fuq il-KartAnzjan tiegħu huwa dejjem miktub Sciberras*". Mill-banda l-oħra, fit-tielet talba tiegħu lil dina l-Onorabbli Qorti, talab: "*Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku (Għawdex) sabiex din il-korrezzjoni, ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, tiġi riflessa wkoll f'kull Att tal-Istat ċivili tiegħu, b'mod partikolari fl-att ta' żwieġ numru mija u tnejn u*

*għoxrin tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (122/1977), b'dan illi l-esponenti għandu dejjem jiġi indikat bil-kunjom ta' Sciberras u dan ai termini tal-artikolu 253(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta".* Dan ma jreġix skont il-liġi ta' Malta, stante, li l-**Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jippermetti sabiex l-annotazzjonijiet awtorizzati jiġu riflessi wkoll f'kull att tal-istat ċivili relattivi, japplika biss f'każ illi l-bdil jsir ai termini tal-Artikolu 253 (2) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għaldaqstant, f'każ ta' korrezzjonijiet jkun meħtieġ illi kull żball jiġi indikat individwalment u kull korrezzjoni għandha tiġi awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti separatament;

4. Illi għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jirrileva illi l-ebda talba tar-rikorrenti ma tista' tiġi milqugħa, stante li r-rikorrenti ma jistax jitlob għall-korrezzjoni u dan għaliex ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent Nicholas Sciberras kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Illi infatti l-att tat-twelid tiegħu jirrifletti u sar a bażi taċ-ċertifikati preċedenti tal-familja tiegħu, ċjoè a bażi taċ-ċertifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti Lorenzo Xiberras numru seba' mija u wieħed tas-sena elf disa' mija u tnejn (701/1902) (kopja mmarkata Dok. 'DRP1') u a bażi taċ-ċertifikat taż-żwieġ tan-nannu tar-rikorrenti, ċjoè ta' Michele Xiberras bin-numru tmienja u tmenin tas-sena elf tmien mija u tnejn u tmenin (88/1882) (kopja mmarkata Dok. 'DRP 2'), li fit-tnejn li huma joħroġ li l-kunjom tal-familja huwa Xiberras u mhux Sciberras. Illi, ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni, jsegwi li l-ebda bidla jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skont id-dettami tal-**Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti msejsin kif inhuma fuq il-korrezzjoni ma jistgħux jiġu milqugħa;

5. Illi madanakollu, bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti lanqas ma jista' jitlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tiegħu jiġu mibdula b'mod li jinkwadraw ruħhom taħt il-parametri msemmija fl-**Artikolu 253 (2) 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan qiegħed jiġi rilevat stante li l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** tagħti l-fakultà sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, f'każ fejn persuna jġib il-provi meħtieġa, tawtorizza annotazzjoni fuq l-att **tat-twelid** rispettiv sabiex tali persuna tista' tiġi magħrufa **b'isem ieħor, u mhux b'kunjom ieħor**. Illi l-esponent itenni illi r-rikorrenti intavola l-azzjoni tiegħu sabiex ibiddel l-**kunjom**

**tiegħu u mhux ismu** minn fuq l-Att tat-twelid u anke minn fuq l-**Att taż-żwieġ** tiegħu meta dan is-subartikolu (2) huwa limitat biss għal bdil fl-atti tat-twelid;

6. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni;

Rat id-dokumenti ppreżentati mill-attur annessi mar-rikors ġuramentat;

Rat li għalkemm il-kjamata in kawża tat ruħha b'notifikata bl-atti in awla ma ppreżentat l-ebda risposta;

Semgħet is-sottomissjonijiet verbali tal-partijiet;

**Il-Provi**

L-attur jafferma li kunjomu li llum jinkiteb bħala "Sciberras", fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jidher bħala "Xiberras" għax hekk kien tniżżel mill-ġenituri tiegħu. Jgħid illi meta beda jmur l-iskola kunjomu nkiteb "Sciberras" mill-għalliema li kellu u huwa hekk ġie mgħallem jiktbu, tant illi llum hekk huwa mniżżel f'kull dokument illi għandu u f'kull ċertifikat illi jissemma hu, inkluż iċ-ċertifikat taż-żwieġ tiegħu u ċ-ċertifikati tat-twelid ta' wliedu. In sostenn tal-argumenti tiegħu l-attur ippreżenta dokumenti[1] li permezz tagħhom qed juri d-differenza fil-mod kif illum jinkiteb kunjomu. L-attur qed jitlob lill-Qorti sabiex filwaqt li tiddikjara li hemm żball fil-mod kif inhu miktub kunjomu fiċ-ċertifikat tat-twelid

[1] A fol 5 sa fol 13 tal-proċess

tiegħu, tordna li ssir korrezzjoni fl-istess ċertifikat sabiex kunjomu jiġi reġistrat kif jiktbu hu ċjoè "Sciberras"u mhux "Xiberras", kif ukoll din il-bidla fil-mod ta kif jinkiteb il-kunjom tiġi riflessa f'kull Att tal-istat ċivili tiegħu.

Il-konvenut Direttur da parti tiegħu jilqa' għat-talbiet tal-attur billi jgħid illi primarjament, sabiex il-ġudizzju jkun integru għandha tissejjaħ fil-kawża mart l-attur u dana ġaladarba waħda mit-talbiet hija li ssir korrezzjoni fl-att taż-żwieġ. Minbarra f'dan jgħid ukoll illi t-talba tal-attur ma tistax tintlaqa' billi dak li qed jintalab mill-attur ma hux permess fil-liġi stante li l-liġi tippermetti biss tibdil fl-isem u mhux tibdil fil-kunjom. Jgħid ukoll illi t-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għax l-attur ma indikax l-atti, li tagħhom qed jippretendi li ssir korrezzjoni, bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Dan il-konvenut ikompli li fi kwalunkwe każ huwa ma huwiex edott mill-fatti u filwaqt li jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-qorti huwa ma għandux ibati l-ebda spejjeż billi ma jirriżultax li dak li qed jgħid l-attur huwa frott ta xi nuqqas da parti tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser tgħaddi l-ewwel sabiex tevalwa l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku (Għawdex).

Tqis illi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ġew sorvolati billi d-debita pubblikazzjoni saret kif ukoll ġie kjamata in kawża Carmen Sciberras. Irid jingħad però li l-konvenuta Carmen Sciberras għalkemm kjamata in kawża u għalkemm tat ruħha b'notifikata bl-atti seduta stante[2] ma ppreżentat l-ebda risposta u ma ressqet l-ebda ġustifikazzjoni għal dan in-nuqqas u lanqas għamlet xi tentattiv sabiex tikkontrasta t-talbiet imressqa mill-attur.

Rigward it-talba għall-korrezzjoni fil-kunjom din it-talba qed issir ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu d-dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Illi għandu jingħad li l-Artikolu 253 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jippermettu, taħt ċerti ċirkostanzi, il-bdil ta' isem ta' persuna.

---

[2] A fol. 37 tal-proċess, seduta 7 ta' Lulju, 2021

Mill-banda l-oħra l-korrezzjoni ta' kunjom hija aktar imprekattiva legalment għax tista' ssir biss jekk jirrizulta li kien hemm żball f'dak il-kunjom kif reġistrat. Fil-fatt il-Qrati Maltin għal żmien twil fid-deċiżjonijiet tagħhom dejjem żammew riġidi fil-każ ta' korrezzjoni fil-kunjom. Tant hu hekk illi l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi[3] :

*"… Għal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jiġi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tiegħu m'huwiex se jiġi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin. Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi għalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jiġi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato".*

Il-konklużjoni illi tinstilet minn din id-deċiżjoni hija għalhekk, illi l-interess tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fi proċeduri bħal dawn huwa li jipproteġi l-interess ta' terzi jew aħjar l-interess pubbliku. Loġikament għalhekk jekk mill-provi jirriżulta illi l-interess imsemmi ma jkunx ser jiġi leż, ma għandux jkun hemm oġġezzjoni għat-talba ta' attur li jitlob il-korrezzjoni ta' kunjomu però sakemm din it-talba ma tkunx qed issir b'kapriċċ, f'liema każ dik it-talba ma tistax tiġi akkolta.

Barra minn hekk huwa paċifiku li strettament l-liġi tippermetti korrezzjonijiet fl-isem tal-persuna, u mhux fil-kunjom. Infatti l-Qorti fil-kawża "**Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku**"[4] ikkonkludiet illi "*Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-artiklu 253 tal-Kap 12 – għalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna - kien u hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bħala f'ilsna ohra, tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "prenom" minn dak li*

[3] John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Appell, 2 ta' Marzu, 1994.

[4] Prim Awla, deċiża 1 ta Frar, 2001

*hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll għal "dixxendenti ulterjuri", però din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilità li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul"għal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa'tiġi annotata. Però mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'każi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jiġi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che ma jkunx hemm żball."*

Fil-każ odjern l-attur ippreżenta nota fejn għamel lista ta' sentenzi sabiex jindika ġurisprudenza ġiet akkordata t-talba għal tibdil bħal dak minnu mitlub. Din il-Qorti iżda wara li fliet dawn is-sentenzi tikkonkludi illi t-tibdil mitlub f'uħud mill-każijiet imsemmija kien tibdil f'ċertifikati taż-żwieġ għax il-kunjom tal-mara ma kienx jirrifletti l-għażla illi għamlet li tieħu kunjom żewġha u allura kien sar żball meta ġie reġistrat dak iż-żwieġ u għaldaqstant tali ġurisprudenza ma hix applikabbli għal każ li għandha quddiemha l-qorti llum billi fil-każ odjern it-talba hija li ssir korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid.

Minn qari ta' ġurisprudenza maltija jirriżulta illi l-Qrati aċċettaw korrezzjonijiet fis-sens pereżempju ta' inklużjoni ta' kunjom ġenitur imma qatt ma aċċettaw tibdil jew żieda ta' kunjom jekk mhux għax ikun sar żball x'imkien. Jekk ma jirriżultax li sar żball waqt ir-reġistrazzjoni tat-twelid allura t-talba għall-korrezzjoni ma tintlaqax. Infatti l-Qorti fis-sentenza ġià ċitata aktar qabel[5] ikkonkludiet illi *"Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawża citata minnu, dejjem ġew meqjusa bħala differenti minn xulxin. Għalhekk jekk xi hadd ikun ġie mnizzel bħala "Magro" minflok "Magri", jew vice versa, ikun jammonta għal żball u bħala tali jkun soggett għall-korrezzjoni jekk l-iżball jiġi ppruvat. Illi dan ifisser li t-talba tal-attur tinvolvi verament talba għall-bdil tal-kunjom tiegħu, li ma hijiex permessa mill-liġi, la darba jirrizulta li huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier naturali tiegħu indikat fl-att tat-twelid tiegħu relattiv, u dan huwa wkoll ikkonfermat fuq dak li inghad fis-sentenza "Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et" (AC 29 ta' Novembru 1971) li għaliha qed issir referenza."*

Illi fil-każ in eżami, ma jirriżultax li sar żball fir-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tal-attur u għalhekk ma jistax jingħad illi dan l-att huwa skorrett. Mill-fatti kif jirriżultaw fil-każ odjern huwa ċar illi kunjom missier l-attur

[5] Damian Damian Schembri vs Direttur tar- Reġistru Pubbliku

kien "Xiberras" u dan jirriżulta anke mix-xhieda tal-attur inniffsu[6]. Ma jirriżulta l-ebda żball fil-mod kif tniżżel il-kunjom. L-iżball sar wara ċjoè meta l-attur beda jmur l-iskola u l-għalliema kitbet il-kunjom "Sciberras" minflok kif kien imniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid u għalhekk fid-dawl ta dawn il-fatti l-ewwel talba tal-attur ma tistax tintlaqa'.

Madankollu huwa ferm relevanti l-fatt illi mill-iskorta ta' ġurisprudenza joħroġ ċar illi l-Qrati tagħna bdew jagħmlu distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn it-tibdil fil-kunjom jintalab b'riferenza għall-kunjom li ma jkollu l-ebda rabta familjari ma' dak tal-applikant – pereżempju minn "Borg" jkun jrid isir "Attard" - u l-każijiet l-oħra fejn tali rabta hija evidenti u l-interessi ta' terzi mhumiex preġudikati. F'każijiet bħal dan tal-aħħar il-qrati Maltin kienu aktar propensi illi jilqgħu t-talbiet għal korrezzjoni.

Hekk pereżempju il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku**"[7], irriteniet illi *"…hija haga maghrufa illi l-liġijiet ta' l-istat civili, bir-registrazzjoni ta' l-attijiet tat-twelid u taż-żwieġ, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti għall-hajja civili tas-socjetà, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet taċ-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-partimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li għandha certu nteress li l-membri taghha jkunu maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjetà d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjetà, u għalhekk teoritikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-għaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skond l-idejat moderni prevalenti, u taddotta "marte proprio" dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjetà, jekk kwantità kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt"*.

Huwa ċar illi talba għal tibdil fil-kunjom li jirriżulta kapriċċuż u li ma mhux korreletat ma' rapport familjari ma tistax tintlaqa'. It-talba tallum hija għall-korrezzjoni ta' kif jinkiteb il-kunjom u mhux għal sostituzzjoni tal-kunjom. Hekk ġie enunċjat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ "**Leonard Ellul sive Ellul Mercer et v Direttur tar-Registru Pubbliku**[8]**"** – *"Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-liġi civili tagħna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li għandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna."*

[6] Xhieda fis-seduta tad-9 ta' Diċembru, 2021
[7] Deċiża 2 ta' Marzu, 1994
[8] Deċiża, Prim'Awla 21 ta' Marzu, 2001

Din il-Qorti tifhem li talbiet għal tibdil fil-kunjom m'għandhomx jintlaqgħu b'mod kapriċċuż u leġġer. Barra minn hekk kif ġià spejgat aktar 'il fuq , il-każ li għandha llum quddiemha din il-Qorti ma hux pernjat fuq żball fir-reġistrazzjoni tal-kunjom "Xiberras" iżda lanqas ma hu bbażat fuq fatti li jinduċu lil din il-Qorti li temmen li t-talba odjerna hija frott ta' leġġerezza jew kapriċċ. Il-Qorti taċċetta bħala fatt li l-familja tal-attur tgħix il-ħajja soċjali u uffiċjali tagħha bil-kunjom "Sciberras" li, del resto, hu kunjom l-attur però miktub diversament minn kif inhu fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u għalhekk hija tal-fehma li dak li qed jintalab mill-attur ma hux qed jmur kontra l-ordinament ġuridiku tagħna billi l-kunjom per se ma hux ser jinbidel. Il-bidla ser tkun biss fil-mod kif jinkiteb dan il-kunjom u din il-Qorti ma tistax taħseb f'raġuni fejn it-tibdil rikjest jista' joħloq ħsara lil terzi u għalhekk ser tgħaddi sabiex tilqa' t-tieni talba.

Rigward it-tielet talba jrid jingħad illi l-Qorti trid tqis it-talbiet tal-attur fil-parametri imposti mill-liġi. Dan qed jingħad fid-dawl ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:-

*"(3) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (2) għandha tinkludi talba biex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom".*

Minn qari tat-tielet talba tal-attur huwa ben ċar illi huwa naqas milli jindika l-atti li tagħhom qed jippretendi li ssir il-korrezzjoni, bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-att taż-żwieġ għax fil-konfront ta' dan l-att l-attur mexa ma dak dettat fis-subartikolu preċitat. Id-diċitura użata mill-leġiżlatur hija waħda tassattiva – "*liema atti **jridu**[9] jigu indikati*"[10]. Fid-dawl ta' dan it-tielet talba tista' tintlaqa' biss in parte u dana safejn tikkonċerna l-att taż-żwieġ biss.

Fl-aħħarnett billi minn imkien ma jirriżulta u wisq anqas ippruvat, li sar xi żball imputabbli lid-Direttur konvenut l-ispejjeż kollha għandhom jkunu sopportati mill-istess attur.

---

[9] Tradotta bil-lingwa ingliża "*shall*".

**Decide**

Għaldaqstant tar-raġunijiet kollha suesposti u l-motivi ġià espressi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej :

1. **Filwaqt li tiċħad l-ewwel talba, għar-raġunijiet ġià mogħtija aktar 'l fuq tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) sabiex iwettaq il-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru tliet mija u tletin tas-sena elf disa' mija tmienja u erbgħin b'mod illi minflok "Xiberras" jiġi miktub "Sciberras".**

2. **Tilqa' t-tielet talba limitatament u fil-konfront biss tal-att taż-żwieġ u tordna illi ai termini tal-artikolu 253(3), it-tibdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi riflessi fl-att ta' żwieġ numru mija u tnejn u għoxrin tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sebgħin (122/1977).**

Il-Qorti tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta li kull korrezzjoni hawn ordnata għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fi żmien għaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tgħaddi in ġudikat u għandha ssir bis-saħħa ta' kopja vera tas-sentenza li tingħata lilu mir-Reġistratur u ssir wkoll riferenza għall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispożizzjoni tal-Liġi.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-attur.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur